# L-Arloġġ tal-Knisja l-Qadima jerġa' jibda jaħdem b'differenza, fil-Kampnar Maestuż tal-Knisja Rotunda tax-Xewkija



*Intervista esklussiva minn Bennie Mercieca lix-Xewki* ***Pullu Xerri****, il-persuna nkarigata minn dan il-proġett uniku.*

Din is-sena, eżattament, nhar id-19 ta' April, beda jaħdem, b'mod regolari, l-arloġġ storiku li kien hemm fil-Knisja l-Qadima tar-raħal tagħna, iżda, b'differenza! Għaliex filwaqt li l-arloġġ, li kien magħmul mill-magħruf ġenju arluġġar Malti Mikelanġ Sapiano fl-1872, fi żmien l-Arċipriet Dun Pietru Pawl Ciantar, kien maħsub għal wiċċ wieħed biss, iżda issa, l-istess arloġġ ġie magħmul biex iħaddem erba' wċuħ. U dan grazzi għax-xogħol eċċellenti u metikoluż u bla ebda ħlas ta' Pullu Xerri, mix-Xewkija, li għalkemm mhux arluġġar, iżda, bit-talenti mhux komuni li għandu fl-inġinerija u fil-mekkanika, irnexxielu jagħti rigal mill-isbaħ lill-Knisja Rotunda tagħna bit-tħaddim, b'differenza, tal-arloġġ l-antik.



Qabel ma ngħaddi għall-intervista li għamilt lil Pullu Xerri, jiena ser nagħti xi tagħrif storiku. Skont tikketta mwaħħla mal-istess arloġġ, dan ġie maħdum fl-1872 mill-magħruf arluġġar Malti Mikelanġ Sapiano u mqiegħed fil-kampnar tal-Knisja l-Qadima fl-1875. Dan l-arloġġ għandu valur storiku kbir għax hu opra ta' bniedem ġenju, awtur ta' diversi kapulavuri u inventur ta' bosta opri mekkaniċi, ċioè Mikelanġ Sapiano, li tgħallem mingħand Kalċidon Pisani u Ġananton Tanti, żewġ persuni oħra magħrufa fil-qasam tal-arloġġi. Sabiex f'dak iż-żmien seta' jaħdem arloġġi hekk perfetti, Mikelanġ Sapiano kellu jfassal u jagħmel għodod hu stess biex jassigura xogħol perfett u fl-istess waqt jiffranka l-ħin. Huwa magħruf bħala ġenju mhux biss fl-arloġġi kbar għall-knejjes jew postijiet pubbliċi iżda wkoll ta' arloġġi żgħar, 'grandfather clocks' imwieżna, stasiji u arloġġi tal-idejn. Il-Parroċċa tagħna tista' tiftaħar li għandha opra ta' dan il-bniedem kapaċissimu.

Ta' min isemmi, wkoll, li dan l-arloġġ baqa' jaħdem fil-kampnar tal-Knisja l-Qadima sakemm dan kellu jitwaqqa' biex jagħmel wisa' għal waħda mill-kolonni l-kbar tal-koppla tal-Knisja Rotunda. B'xorti tajba u b'għaqal, l-arloġġ kellu jiġi maqlugħ u l-partijiet kollha tiegħu ġew merfugħin bi premura. Meta tlesta l-kampnar tal-Knisja Rotunda tagħna, l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca u l-Kleru ħasbu biex iqiegħdu l-arloġġ fih, ħalli jibda jaħdem. Iżda, billi l-arloġġ kien kapaċi jħaddem wiċċ wieħed biss, allura riedet tinstab persuna kapaċi biex, filwaqt li jinżammu l-partijiet kollha tal-arloġġ oriġinali, jiżdiedu ċerti aċċessorji oħra u jsiru l-addattamenti meħtieġa biex l-imsemmi arloġġ iħaddem erba wċuħ ta' daqs kbir fil-kampnar il-ġdid. Il-persuna li daħlet għal dan ix-xogħol u li kellha l-fiduċja ta' kulħadd, kienet ix-Xewki Pullu Xerri, bniedem ta' talenti kbar fejn tidħol l-inġinerija u l-mekkanika.

Issa, nħallu f'idejn Pullu sabiex jagħtina aktar tagħrif billi jwieġeb il-mistoqsijiet li għamiltlu.

**F'liema stat sibtu l-arloġġ tal-Knisja l-Qadima?**

B'xorti tajba, l-arloġġ imsemmi sibtu fl-istat oriġinali tal-Knisja l-Qadima u ebda parti ntegrali tiegħu ma kienet nieqsa. Jidher li ma kienu nbidlulu l-ebda partijiet essenzjali u dan sewa ħafna għall-valur storiku kbir tiegħu. Però, jiena sibt li kellu laxkezzi, roti u snien mikulin għall-aħħar u boxxli tax-



xaftijiet, mikulin sew ukoll. Sintendi, dan l-arloġġ qadim imma storiku kien maħdum għal wiċċ wieħed biss u allura, impossibbli li jħaddem l-erbat uċuħ tal-kampnar tal-Knisja l-ġdida, li huma erba' wċuħ tassew kbar! Anke kieku kellu jħaddem wiċċ wieħed minn tal-Kampnar il-ġdid, dan kien jagħmlu b'diffikultà kbira minħabba l-kobor tal-wiċċ, kif diġà semmejt.

**Allura, għal liema konklużjonijiet wasalt?**

Għalija kienet biċċa xogħol ftit iebsa għaliex minħabba l-valur storiku tal-arloġġ, riedu jinżammu l-partijiet kollha tiegħu u għalhekk, kien impossibbli li, fl-istess ħin, inħaddmu erba' wċuħ kbar ħafna li qatt ma kien intenzjonant li jħaddem. Kelli nħaddem moħħi x'kien l-aħjar li nagħmel dwar dan, u rnexxieli, bil-għajnuna ta' Alla u ta' San Ġwann Battista.

**X'karatteristiċi kellu l-arloġġ tal-Knisja l-Qadima?**

F'dak iż-żmien li nħadem, l-akbar problema tal-arluġġar kien il-post fejn jitwaħħal l-arloġġ innifsu, minħabba l-ispazju limitat ħafna. Għalhekk, kellu jintuża disinn li jissejjaħ 'bird cage design', li kien jagħtihom il-fakultà li l-arloġġ jitpoġġa fi spazju limitat ħafna. Ċertament, li l-arloġġ kien intenzjonat li jħaddem wiċċ wieħed biss!

**Meta bdejt ix-xogħol fuq l-arloġġ u f'hiex kien jikkonsisti?**

Bdejt dan ix-xogħol impenjattiv ħafna fit-12 ta' Settembru, 2010, fil-*workshop* tiegħi. Kelli nuża makkinarju u għodda fil-manifattura tal-inġinerija, li jiena għandi fl-istess '*workshop*'. Qabel xejn, qbadt l-affarijiet kollha li ħadem l-arluġġar magħruf Mikelanġ Sapiano u qlibthom minn 'bird cage design' għal 'flat bed design', cioe', li l-partijiet tal-arloġġ jitwaħħlu fuq bażi ċatta, soda ħafna u li, speċjalment il-partijiet li jdoqqu, setgħu jitpoġġew b'ċerta kumdità biex ikun aktar mod li tafda u fl-istess ħin, preċiż.

Ħdimt fuq prinċipju sempliċi: żammejt il-partijiet oriġinali kollha, għamilt oħrajn addizzjonali biex l-arloġġ ikun jista jġorr il-pis li joffru l-erba' wċuħ kbar tal-Kampnar il-ġdid; s'intendi, dan irid jinħadem matematikament. Biss biss, l-arloġġ qed iħaddem tul ta' 49 pied ta' xaftijiet biex iħaddem l-erbat uċuħ.

Saru wkoll, partijiet addizzjonali fejn għandu x'jaqsam it-'timing' tad-daqq. Kelli wkoll, insib soluzzjoni biex l-arloġġ jieħu l-ħabel waħdu, kif ukoll, li meta ma jkunx hemm kurrent elettriku, seta' jingħata l-ħabel b'mod mekkaniku (bl-idejn).

Kelli nagħmel erba' wċuħ ġodda tal-'stainless steel' u ħġieġ biex bil-lejl ikunu mdawla u wieħed seta' jaqra faċilment il-ħin. Fl-aħħarnett nixtieq ngħid ukoll li kelli nirranġa l-partijiet orġinali bħall- '*escapement wheel, suspension springs, driving/driven gears, winding drums, going train, driving train, count wheels, phase wheels*' u mrietel tad-daqq. Xogħol kbir li jitlob paċenzja u preċiżjoni!

**Meta lestejt ix-xogħol kollu fuq l-arloġġ? U kif ħassejtek?**

Kif diġà għidtlek, ix-xogħol fuq l-arloġġ bdejtu fit-12 ta' Settembru, 2010. Wara dsatax-il xahar, ċioè fid-19 ta' April 2012, l-arloġġ beda jaħdem regolarment. Fil-ġimagħtejn ta' qabel, għamilna l-provi kollha meħtieġa.

Sinċerament ngħid li ħassejtni tassew sodisfatt li jien, għalkemm miniex arluġġar, però, entużjażmat fl-inġinerija u l-mekkanika, rnexxieli li l-arloġġ li kien maħsub biex iħaddem wiċċ wieħed, għamiltu jħaddem erba' wċuħ. Kelli nikkonsulta ruħi ma' kotba u rivisti relattivi max-xogħol li dħalt għalih b'ruħi u b'ġismi, b'entużjażmu kbir u bi mħabba

lejn il-Knisja għażiża tagħna. Il-wegħda u l-patt li għamilt miegħi nnifsi li, bil-għajnuna t'Alla u tal-Patrun tagħna San Ġwann Battisa, jirnexxili nagħti b'rigal lill-Knisja Rotunda dan l-arloġġ li jaħdem bi preċiżjoni hekk għolja, li ssorprendiet mhux biss lili imma lil ħafna oħrajn li jafu japprezzaw xogħol hekk delikat u li jitlob konċentrazzjoni, preċiżjoni u dedikazzjoni rnexxieli nwassalha sat-tmiem.

**Sibt għajnuna biex tlesti dan il-proġett hekk prestiġjuż?**

Bla dubju. Qabel xejn, kont nitlob lil Alla u lil San Ġwann Battista. Kont inħossha l-għajnuna tagħhom, speċjalment f'ċerti mumenti ta' diffikultà jew ta' qtigħ il-qalb. Imbagħad, qabel kulħadd, nixtieq nirringrazzja lill-għażiża marti Christine tal-paċenzja li kellha tieħu u s-sagrifiċċji li kellha tagħmel minħabba s-sigħat twal li kelli nqatta' fil-'workshop' u barra, wara l-ħin tax-xogħol tiegħi, minħabba dan ix-xogħol fuq l-arloġġ. Mhux talli qatt ma kienet tgerger imma kienet ta' inkoraġġiment kontinwu speċjalment meta kienet tarani mħasseb fuq xi aspett tax-xogħol jew għajjien; kienet tispira fija fiduċja u entużjażmu . Inħoss li marti Christine għandha mertu kbir f'dan ir-rigal li tajt lill-parroċċa tagħna, u magħha b'xi mod, uliedi Anthony, Jonathan u Simon.

Ta' għajnuna u nkoraġġiment kontinwu kienu l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca u Dun Ġorġ Mercieca. Kull meta kont infittixhom, kont insibhom dejjem u fil-pront. Irrid nirringrazzjahom tal-fiduċja sħiħa li dejjem urew fija u fix-xogħol li kont qed nagħmel.

S'intendi, hemm persuni oħrajn li tawni materjal u għajnuna bla ebda ħlas għax kienu jgħiduli: 'Dan mhux għall-Knisja u għal San Ġwann!' Inħoss li għandi nsemmi fost l-oħrajn lix-Xewkin:

- Leli Attard: għax-xogħol ta' *welding*, liwi u qtugħ ta' pjanċi u materjal.
- Raymond Mercieca u Toni Fenech: xogħol ta' żebgħa u *spray* u materjal.
- Inġinier John Attard: xogħol fuq il-panel li jħaddem il-ħabel tal-arloġġ.
- Josef u Michel Hili: self ta' għodda u għoti ta' materjal.
- Inġinier Stephen Falzon: xogħol ta' *blasting* u tindif tal-partijiet kollha tal-arloġġ b'kimika apposta u materjal.
- Pawlu Vella: offra ċ-ċomb u għamel it-tidwib taċ-ċomb tal-piżijiet tal-arloġġ.
- Chalie u Pawlu Attard u Ġużepp Xerri: irranġar tal-kamra tal-arloġġ, tikħil, tibjid, żebgħa, tneħħija tal-ġebel tal-uċuħ.
- Manwel Xuereb (Għajnsielem): ħadem bla ħlas il-crosses tax-xaftijiet.
- P/J Debobo (Nadur): taw makkinarju relatat mal-ħabel tal-arloġġ, bla ħlas.

'Verament għajnuna imprezzabbli għax mill-qalb, barra li bla ebda ħlasijiet.' Hekk temm l-intervista tiegħu miegħi Pullu Xerri.

Min-naħa tiegħi nixtieq nikkummenta dan li ġej: Il-poplu Xewki għandu jħossu kburi u grat lejn wieħed minn ħutu, Pullu Xerri, li wera kapaċità kbira u paċenżja perseveranti biex jirnexxilu jagħti lir-raħal tagħna tax-Xewkija rigal hekk prezzjuż u utli. Niringrazzjaw minn qalbna, ukoll, lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, bla ebda ħlas, għenuh biex ilesti dan il-proġett tant mixtieq u mistenni. U jekk Mikelanġ Sapiano, li oriġinarjament kien ħadem l-arloġġ fuq wiċċ wieħed, tal-Knisja l-Qadima tagħna, kien meqjus bħala 'l-ġenju mekkaniku ta' Malta', aħna għandna napprezzaw ħafna l-opra tal-arloġġ kif irranġat minn Pullu Xerri fil-kampnar il-ġdid tal-Knisja Monumentali tagħna, arloġġ li jħaddem l-erba wċuħ u nfaħħruh għall-ħila mhix tas-soltu li hu wera f'dik li hija nġinerija u mekkanika, preċiżjoni u dedikazzjoni kollha mħabba lejn Alla, lejn San Ġwann Battista u lejn raħal twelidna. Għalhekk, ismu, bir-raġun kollu, għandu jibqa' mnaqqax fl-istorja tar-raħal tagħna tax-Xewkija.

